**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 1044/03**

**Il-Pulizija**
**(Assistent Kummissarju Ian J. Abdilla)**

**Vs**

**Josephine Farrugia**

**Illum 1 ta' Frar 2021**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' Josephine Farrugia, bint Gioacchino u Maria neè Camilleri, imwielda Pietà fl-10 ta' Marzu 1971, u detentriċi tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 143171(M):

1. Talli fis-26 ta' Ġunju 2002 u fid-dati ta' wara, ġewwa Valletta, u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, iffalsifikat biljetti tal-flus jew mexxiet biljetti tal-flus falsifikati u cioè biljetti tal-flus dollari amerikani, liema biljetti tal-flus hija kienet taf li huma falsifikati u dan bi ksur ta' l-Artikolu 45 tal-Kap.204 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Talli fl-istess ċirkostanzi, mingħajr awtorità legali jew mingħajr skuża leġittima jew raġonevoli, xtrat jew irċeviet mingħand xi persuna, jew kellha fil-kustodja jew pussess tagħha, biljetti tal-flus falsifikati li kienet taf li l-istess biljetti tal-flus kienu falsifikati u dan bi ksur ta' l-Artikolu 46 tal-Kap.204 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti, ossia estratt taċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-imputata a fol. 2 tal-proċess u l-fedina penali ta' l-imputata a fol. 3 tal-proċess;

Rat illi fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2005[1] l-imputat iddikjarat li ma hijiex ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħha;

Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda ta' l-Ispettur Edel Mary Camilleri mogħtija waqt is-seduta tat-2 ta' Mejju 2005[2] u rat id-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "EC" u

[1] Fol. 16 tal-proċess.
[2] Fol. 17 sa' 20 tal-proċess.

Dok. "EC1" a fol. 21 sa' 24 tal-proċess, rat it-traskrizzjoni tax-xhieda ta' PS1444 Kenneth Brignone mogħtija waqt is-seduta tat-2 ta' Mejju 2005[3] u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "KB" a fol. 27 u 28 tal-proċess;

Rat in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 17 ta' Awwissu 2007[4] permezz ta' liema bagħat lill-imputata sabiex biex tiġi ġġudikata minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub taħt:

- L-Artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali u l-Artikolu 45(1) tal-Kap.204 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-Artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali u l-Artikolu 46 tal-Kap.204 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali;

U dana fin-nuqqas ta' oġġezzjoni da parte ta' l-imputata li l-każ fil-konfront tagħha jiġi trattat bi proċedura sommarja iżda, qabel ma tistaqsi lill-imputata għandhiex tali oġġezzjoni o meno għandha:

- Tisma' lil WPC2 M.Mizzi, PC344 C. Vella u PC274 Saviour Gauci dwar il-każ;
- Tisma' lil Richard Scerri dwar il-każ;
- Tisma' lil Nurah Riahi u lil Yunes Verrad dwar il-każ;
- Jiġu esebiti l-flus foloz suġġett ta' din il-kawża;
- Taħtar Espert sabiex janalizza l-flus foloz li ser jiġu esebiti sabiex jiddetermina jekk tali flejjes humiex foloz jew le;
- Tisma' kull prova oħra li ġġib il-Pulizija;

Rat li b'Digriet datat 17 ta' Ġunju 2010[5] il-kawża ġiet differita *sine die;*

Rat li b'Digriet datat 2 ta' April 2018, il-kawża ġiet ri-appuntata għas-smigħ għas-17 ta' Mejju 2018[6];

Rat li waqt is-seduta tat-30 ta' Novembru 2020[7] il-Prosekuzzjoni ddikjarat li tagħlaq il-provi tagħha. In segwitu għal tali dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni nqraw l-Artikoli u wara li l-Qorti staqsiet lill-imputata jekk għandhiex oġġezzjoni li l-każ tagħha jitmexxa bi proċedura sommarja, hija ddikjarat li ma għandhiex oġġezzjoni li l-każ tagħha jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat li fl-imsemmija seduta tat-30 ta' Novembru 2020 l-imputata rreġistrat ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tagħha[8];

Semgħet is-sottomissjonijiet dwar il-piena da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża fejn entrambe qablu li fid-dawl taċ-ċirkostanzi ta' l-imputata, fil-każ in eżami *conditional discharge* tkun piena idoneja[9];

[3] Fol. 25 u 26 tal-proċess.
[4] Fol. 91 tal-proċess.
[5] Fol. 101 tal-proċess.
[6] Fol. 102 tal-proċess.
[7] Fol. 122 tal-proċess.
[8] Fol. 122 tal-proċess.
[9] Fol. 122 tal-proċess.

Rat il-fedina penali aġġornata ta' l-imputata esebita mill-Prosekuzzjoni fl-4 ta' Jannar 2021, a fol. 123 u 124 tal-proċess;

Rat l-atti kollha tal-każ;

**Ikkunsidrat:**

L-imputata qed tiġi akkużata: (1) talli fis-26 ta' Ġunju 2002 u fid-dati ta' wara, ġewwa Valletta, u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, iffalsifikat biljetti tal-flus jew mexxiet biljetti tal-flus falsifikati u cioè biljetti tal-flus dollari amerikani, liema biljetti tal-flus hija kienet taf li huma falsifikati u dan bi ksur ta' l-Artikolu 45 tal-Kap.204 tal-Liġijiet ta' Malta; u (2) talli fl-istess ċirkostanzi, mingħajr awtorità legali jew mingħajr skuża leġittima jew raġonevoli, xtrat jew irċeviet mingħand xi persuna, jew kellha fil-kustodja jew pussess tagħha, biljetti tal-flus falsifikati li kienet taf li l-istess biljetti tal-flus kienu falsifikati u dan bi ksur ta' l-Artikolu 46 tal-Kap.204 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz ta' Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 17 ta' Awwissu 2007[10] l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputata sabiex biex tiġi ġġudikata minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub taħt:

- L-Artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali u l-Artikolu 45(1) tal-Kap.204 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-Artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali u l-Artikolu 46 tal-Kap.204 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali.

L-imputata ma sabitx oġġezzjoni li l-każ tagħha jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Għalkemm inizjalment l-imputata ddikjarat li ma hijiex ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħha[11], fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2020[12] hija rreġistrat ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tagħha.

Fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-imputata w anke fid-dawl tal-provi prodotti tul is-smigħ ta' dawn il-proċeduri, il-Qorti ssib lill-imputata ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħha.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li bihom qed tiġi akkużata l-imputata u li ġew minnha ammessi iżda ħadet in konsiderazzjoni ukoll il-fattispecie tal-każ kif irriżultaw mix-xhieda ta' l-Ispettur Edel Mary Camilleri, minn liema, fost affarijiet oħra, jirriżulta li n-noti ta' flus falsifikati li kienet konnessa magħhom l-imputata kienu sitt noti Amerikani tal-valur ta' ħames dollari l-waħda u li minn tfittxija li saret fid-dar residenzjali tagħha fiż-żmien tat-twettiq tar-reati mertu ta' dawn il-proċeduri ma nstabux noti ta' flus oħra suspettati foloz. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li miż-żmien tal-kommissjoni tar-reati mertu ta' dawn

[10] Fol. 91 tal-proċess.
[11] Fol. 16 tal-proċess.
[12] Fol. 122 tal-proċess.

il-proċeduri, l-istess imputata qatt ma reġgħet wettqet reati simili għal dawk odjerni[13].

Il-Qorti tosserva wkoll li r-reat kontemplat fl-Artikolu 45 tal-Kap.204 tal-Liġijiet ta' Malta u r-reat kontemplat fl-Artikolu 46 tal-Kap.204 tal-Liġijiet ta' Malta, indikati kemm fl-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputata kif ukoll fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali, illum ġew tramandati fil-Kodiċi Kriminali in forza ta' l-emendi li daħlu fis-seħħ f'Novembru ta' l-2016 - l-Att XLIX 2016 - senjatament fl-Artikoli 188B(1) u 188Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Minkejja l-fatt li l-imsemmi Atikoli 45 u 46 tal-Kap.204 tal-Liġijiet ta' Malta ġew tramandati fl-Artikoli 188B(1) u 188Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-piena kontemplata w applikata għar-reati in kwistjoni ma ġietx mibdula kemm jekk tinġieb il-prova mill-imputat li ma kienx jaf li l-flus li tqiegħdu in ċirkolazzjoni kienu falsifikati meta dawn ġew f'idejh kif ukoll jekk le. Għalkemm l-Artikolu 188B tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta daħħal l-element ta' qerq fl-att formali tar-reat, in verità dan ftit li xejn jimpinġi fuq il-każ in eżami fid-dawl tal-fatt li l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tagħha.

Fid-dawl ta' dan osservat u wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 45(1) u 46 tal-Kap.204 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 18, 188B u 188Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ttenni li qed issib lill-imputata ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħha iżda peress illi fil-fehma Tagħha, minkejja l-fatt li r-reat kontemplat fl-Artikolu 45(1) tal-Kap.204 tal-Liġijiet ta' Malta jġorr piena ta' iktar minn seba' snin iżda inqas minn għaxar snin priġunerija, fid-dawl taċ-ċirkostanzi tal-każ fejn, minkejja n-natura tar-reati addebitati lil u ammessi mill-imputata, mix-xhieda ta' l-Ispettur Edel Mary Camilleri rriżulta, fost affarijiet oħra, li n-noti ta' flus falsifikati li kienet konnessa magħhom l-imputata kienu sitt noti Amerikani tal-valur ta' ħames dollari l-waħda u li minn tfittxija li saret fid-dar residenzjali tagħha fiż-żmien tat-twettiq tar-reati mertu ta' dawn il-proċeduri ma nstabux noti ta' flus oħra suspettati foloz u peress illi miż-żmien tal-kommissjoni tar-reati mertu ta' dawn il-proċeduri, l-istess imputata qatt ma reġgħet instabet ħatja ta' reati simili għal dawk odjerni, ma huwiex spedjenti li timponi fuq l-imputata piena karċerarja effettiva jew sospiża u ma huwiex il-każ li l-imputata titqiegħed taħt Ordni ta' Probation jew Ordni ta' Servizz fil-Komunità jew Ordni ta' Probation u Servizz fil-Komunità, a tenur ta' l-Artikolu 22 u tal-*proviso* ta' l-Artikolu 7(2) tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tillibera lill-imputata bil-kondizzjoni li ma tagħmel ebda reat ieħor matul il-perijodu ta' sena (1) dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tfiehem lill-imputata bi kliem li jiftiehem sew, illi jekk hija tagħmel reat ieħor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata hawn impost, ossia matul il-perijodu ta' sena (1) mid-data ta' din is-sentenza, hija tkun tista' tingħata sentenza għar-reat oriġinali.

Peress illi fil-każ in eżami ma tqabbdu l-ebda esperti u ma hemmx lok ta' kundanna għall-ħlas ta' danni, il-Qorti tastjeni milli tapplika fil-konfront ta' l-imputata l-provvedimenti ta' l-Artikolu 532A, 532B u 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

[13] Fol. 123 u 124 tal-proċess.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**